

**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitleb lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-118/11, *Attey vs Il-Kunsill*.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2011 — Kipré vs Il-Kunsill**

(Kawża T-124/11)

(2011/C 130/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Stéphane Kipré (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: J.-C. Tchikaya, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitleb lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, safejn jikkonċernaw lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-118/11, *Attey vs Il-Kunsill*.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2011 — LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-128/11)

(2011/C 130/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: LG Display Co. Ltd (Seoul, il-Korea) u LG Display Taiwan (Taiwan, ir-Repubblika taċ-Ċina) (rappreżentanti: A. Winckler u F.-C. Laprèvote, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla parzjalment il-multa imposta jew tnaqqasha b'mod kunsiderevoli;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż, u

— tadotta kull miżura meqjusa bħala xierqa mill-Qorti tal-Ġustizzja.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Bir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 8761 finali, tat-8 ta' Diċembru 2010, fil-Każ COMP/39.309 — LCD — liquid crystal displays, li permezz tagħha l-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti, l-istess bħal impriżi oħra, kisru l-Artikoli 101 TFUE u 53 tal-Ftehim ŻEE meta pparteċipaw fi ftehim uniku u kontinwat u fi prattika miftehma fis-settur tal-liquid crystal displays fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal settijiet tat-televiżjoni, notebooks u skrins, sa fejn id-deċiżjoni timponi l-multa fuq ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jinvolkaw sitt motivi insostenn tar-rikors tagħhom.

(1) Bl-ewwel motiv tagħhom, huma jsostnu li l-Kummissjoni inkludiet b'mod żbaljat u b'mod inġustifikat il-bejgħ ta' LG Display lill-kumpanniji parent tagħha fil-valur tal-bejgħ għall-kalkolu tal-multi, u li din kisret prinċipji tad-dritt proċedurali bħad-drittijiet tad-difiża. F'dan ir-rigward, huma josservaw li:

— l-ewwel nett, l-allegazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-fatt li l-ksur kien jirrigwarda bejgħ lill-kumpanniji parent ta' LG Display ma kinitx tagħmel parti mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u d-diverġenzi bejn din tal-aħħar u d-deċiżjoni kkontestata jiksru d-dritt għal smigħ tar-rikorrenti;

— it-tieni nett, il-Kummissjoni wettqet applikazzjoni żbaljata tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi billi inkludiet il-bejgħ ta' LG Display lill-kumpanniji parent tagħha bil-għan li twettaq dan il-kalkolu;

— it-tielet nett, il-karatterizzazzjoni mill-Kummissjoni tal-bejgħ inkwistjoni bħala “bejgħ dirett fiż-ŻEE” u “bejgħ dirett fiż-ŻEE permezz ta’ prodotti pproċessati” tikser il-prinċipju ta’ trattament ugwali.

Ir-rikorrenti jsostnu li kull multa imposta fuq LG Display għandha tkun ibbażata biss fuq il-bejgħ “fis-suq ħieles” destinat lill-entitajiet mhux affiljati, minħabba l-fatt li huwa biss dan il-bejgħ li seta’ jiġi milqut mill-ksur.

(2) Bit-tieni motiv tagħhom, huma jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta rrifjutat li tagħti lil LG Display immunità mill-multi għall-2005 u li, għaldaqstant, din kisret l-Avviż dwar il-Klemlenza tal-2002. F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti josservaw li:

— l-ewwel nett, l-aċċess ta’ LG Display għall-proċess tal-każ ġie serjament ostakolat minħabba nuqqasijiet proċedurali;

— it-tieni nett, LG Display issodisfat ir-reqwiziti għal immunità parzjali abbażi tal-Avviż dwar il-Klemlenza tal-2002, applikabbli f’dan il-każ;

— it-tielet nett, ir-rifjut mill-Kummissjoni tat-talba ta’ LG Display ma huwiex immotivat u huwa bbażat fuq diversi żbalji ta’ liġi u ta’ fatt.

B’hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-multa imposta fuq LG Display għandha tikkorrispondi għal immunità parzjali għall-2005.

(3) Bit-tielet motiv tagħhom, huma jsostnu li, minkejja l-fatt li LG Display ipprovdiet għajnuna eċċezzjonali lill-Kummissjoni, li tmur lil hinn mill-obbligi tagħha abbażi tal-Avviż dwar il-Klemlenza tal-2002, il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti tnaqqis supplimentari tal-multa ta’ mill-inqas 10 % fid-dawl ta’ tali kooperazzjoni u li, għaldaqstant, hija kisret l-imsemmi Avviż dwar il-Klemlenza.

(4) Bir-raba’ motiv tagħhom, huma jsostnu li l-esklużjoni mill-Kummissjoni tal-fornituri Ġappuniżi ta’ liquid crystal displays mid-deċiżjoni kkontestata, minkejja li tnejn minnhom ammettew li pparteċipaw fl-istess ksur uniku u kontinwat, tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali, tesponi lil LG Display għal riskju kbir ta’ *non bis in idem* u tikser il-prinċipju ta’ proporzjonalità.

#### Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Marzu 2011 — Gossio vs Il-Kunsill

(Kawża T-130/11)

(2011/C 130/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Marcel Gossio (Abidjan, il-Côte d’Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata li, rigward ir-rikorrent, G. Gossio, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta’ Jannar 2011, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-14 ta’ Jannar 2011, ippubblikati fil-15 ta’ Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fondati fil-fatt,

— konsegwentement,

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011, tal-14 ta’ Jannar 2011 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta’ Jannar 2011;

— sussidjarjament, tordna li l-isem ta’ M. Gossio jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsem-mija deċiżjoni.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni, inkwantu l-motivi tal-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista tal-persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi huma sterjotipati mingħajr ma ssemma l-ebda element fattwali preċiż li jippermetti li tiġi evalwata r-rilevanza tal-imsemmi inklużjoni fil-lista.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni, inkwantu r-rikorrent, peress li jagħmel parti mill-amministrazzjoni, ma għandux, fid-dawl tal-funzjonijiet tiegħu, kompetenza sabiex ipoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità ta’ president speċifiku, imma għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fil-kontinwità tal-amministrazzjoni li jagħmel parti minnha.

#### Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Marzu 2011 — Ezzedine vs Il-Kunsill

(Kawża T-131/11)

(2011/C 130/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Ibrahim Ezzedine (Treichville, il-Côte d’Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrent

— tikkonstata li, fir-rigward tar-rikorrent, I. Ezzedine, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/71/PESK, tal-31 ta’ Jannar 2011, ippubblikata fit-2 ta’ Frar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma hijiex fondata fil-fatt,